MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru. 93/2008

Il- Pulzija
(Spettur Nezren Grixti)

-vs-

*Omissis*

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi *Omissis*

Akkuzat talli nhar il-5 ta’ Novembru, 2006 ghal habta tas-1:30pm gewwa l-inhawi maghrufa ta’ Rabbazza Limiti tar-Rabat ;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’

regolamenti, ikkaguna griehi gravi fuq ibnu stess *Omissis* u dan ai terminu tal-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 218, 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll l-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll fatturi ohra. Jirrizulta ampjament mill-atti li l-agir ta' l-imputat kien skonsiderat u negligenti ghall-ahhar u l-konsegwenzi ta' dan l-agir ta' l-imputat kienu gravissimi. Min-naha l-ohra l-Qorti hija konvinta li l-imputat tghallem l-lezjoni u zgur li l-ebda piena li tista tinfliggi ma tista tissupera dak li ghaddha minnu l-imputat rinfaccjat bil-konsegwenzi ta'l-agir tieghu.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, u anke f'l-interess tal-minuri (il-parte leza), l-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva mhiex indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 218, 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta'

sitt (6) xhur liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sena (1).

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------